

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikkazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 580/2007

tad-29 ta' Mejju 2007

li jikkonċerna l-implementazzjoni ta' Ftehimiet fil-forma ta' Minuti Miftiehma bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil, u bejn il-Komunità Ewropea u t-Tajlandja skond l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (GATT 1994), li jemenda u li jżid ma' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarmen l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 (⁽¹⁾) stabbilixxa nomeklatura ta' merkanzija, hawn hekk imsejħa "Nomenklatura Magħquda", u stipula r-rati tad-dazju konvenzjonali tat-Tariffa Doganali Komuni.
- (2) Bid-Deċiżjoni tiegħu 2007/360/KE, tad-29 ta' Mejju 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet fil-forma ta' Minuti Miftiehma bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Brażil, u bejn il-Komunità Ewropea u r-

Renju tat-Tajlandja (⁽²⁾), il-Kunsill approva, f'isem il-Komunità, dawk il-Ftehimiet bil-għan li jingħalqu n-negozjati mibdija skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994,

- (3) Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat u supplimentat bi qbil ma' dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu jiġi emendat u supplimentat bid-dazji u l-volumi mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Ufficijali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Mejju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PLEWA

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 501/2007 (ĠU L 119, 9.5.2007, p. 1).

⁽²⁾ Ara paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Ufficijali.

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti m'għandux jiġi kkunsidrat bħala li għandu iktar minn valur indikattiv, bil-konċessjonijiet jiġu stabbiliti, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi tan-NM kif jeżistu fil-ħin ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

It-Tieni Parti - L-Iskeda tad-Dazji Doganali

Il-kodiċi NM	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju
0210 99 39	Laħam tat-tjur immellaħ	EUR 1 300/tunnellata
1602 31	Laħam tad-dundjani ppreparat	EUR 1 024/tunnellata
1602 32 19	Laħam tat-tiġieġ imsajjar	EUR 1 024/tunnellata

It-Tielet Parti - Annessi tat-Tariffi

Il-kodiċi NM	Deskrizzjoni	Ir-rata tad-dazju
0210 99 39	Laħam tat-tjur immellaħ	Tinfetaħ kwota ta' rata tariffarja ta' 264 245 tunnellata li minnhom 170 807 tunnellata għandhom jiġu allokat i l-Brażil u 92 160 tunnellata lit-Tajlandja b'rata fil-kwota ta' 15,4 %
1602 31	Laħam tad-dundjani ppreparat	Tinfetaħ kwota ta' rata tariffarja ta' 103 896 tunnellata li minnhom 92 300 tunnellata għandhom jiġu allokat i l-Brażil b'rata fil-kwota ta' 8,5 %
1602 32 19	Laħam tat-tiġieġ imsajjar	Tinfetaħ kwota ta' rata tariffarja ta' 250 953 tunnellata li minnhom 79 477 tunnellata għandhom jiġu allokat i l-Brażil u 92.160 333 tunnellata lit-Tajlandja b'rata fil-kwota ta' 8,0 %

Id-deskrizzjoni eżatta tat-tariffa tal-KE-25 għandha tapplika għal-linji tariffarji u l-kwoti ta' hawn fuq kollha.